**19 ta' Novembru, 1960**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Imħallef:—**

Il-Pulizija

*versus*

Mary Debono

**"Relief" — Għajnuna Soċjali — Sperġur — Truffa — Uniċità ta' Reat — National Assistance Act. 1956 — Reg. 3(c) Public Assistance (Oaths) Regulations, 1953 — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 109 tal-1953 — Art. 6 tal-Att XXVII tal-1952 — Art. 322 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi dwar l-assistenza publika teżiġi illi l-ġurament lill-persuna li titlob l-għajnuna jiġi amministrat bir-rispett dovut lis-solennità ta' att hekk solenni; billi l-uffiċjal li jamministrah ifiehem lil dik il-persuna li hija tkun qegħdha tagħmel id-dikjarazzjoni tagħha bil-ġurament u bil-konsegwenzi kollha ta' ġurament falz.*

*Din it-twissija mhix imħollija fid-diskrezzjoni tal-uffiċjal li jamministra l-ġurament, imma hija obligatorja għal dak l-uffiċjal; u huwa għandu jagħmilha f'kull każ. Jekk din it-twissija ma ssirx, l-ġurament ma jkunx ġie prestat legalment, u kwindi jeżula r-reat ta' ġurament falz.*

*Però, il-fatti jistgħu jwasslu għar-reat ta' truffa, u anki ta' kontinwità ta' dan ir-reat. Għax ma hemmx bżonn illi d-dikjarazzjoni menzonjera ta' min jitlob ir-"relief" tkun saret bil-ġurament. Il-ġurament nullament prestat ma jeskludix ir-reat tat-truffa.*

*Il-att, mbgħad, li l-persuna li ħadet l-għajnuna soċjali naqset li tirrapporta lid-Direttur tas-Soċial Service xi tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħha hu kompenetrat fir-reat ta' truffa b'indiviżibbilità ġuridika u naturali; u hekk ikun il-każ ta' uniċità għar-reat ta' truffa.*

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra Mary Debono

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja, fuq l-imputazzjoni talli f'dawn l-aħħar tliet snin, il-Belt Valletta, waqt li kienet qegħda tirċievi għajnuna taħt il-"Public Assistance Scheme", issa "National Assistance Act, 1956", permezz ta' atti magħmula fi żmienijiet differenti u tal-istess riżoluzzjoni, għamlet dikjarazzjonijiet foloz taħt ġurament quddiem uffiċjal tal-"Welfare", li hu persuna li għandu s-setgħa b'liġi li jamministra l-ġurament, meta dan il-ġurament kien meħtieġ mill-liġi; barra minn dan, frawdolentement naqset li tirrapporta lill-"Welfare Officer" tal-Belt Valletta, qabel ma rċeviet il-ħlas tal-Għajnuna Soċjali, it-tibdil taċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-familja tagħha, li jġib jew seta' jġib xi tibdil fl-ammont tal-istess għajnuna, u b'hekk otteniet somma ta' flus ta' iżjed minn £10 iżda anqas minn £100 bi ħsara tal-Gvern Ċivili;

Rat in-nota tal-Attorney General tas-26 ta' Lulju 1960, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lil dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub (i) fl-art. 106......;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti l-aħħar imsemmija, tat-23 ta' Awissu 1960, li biha sabet lil Mary Debono ħatja (1) ta' reat kontinwat ta' ġurament falz quddiem uffiċjal tal-"welfare" li għandu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, meta dan il-ġurament kien meħtieġ mill-liġi, (2) ta' reat kontinwat ta' truffa, ossija ta' frode b'għemil qarrieqi, ta' ammont ta' flus li kull darba jeċċedi £3 iżda ma jeċċedix £10, bi ħsara tal-Gvern Ċivili, (3) u ta' reat kontinwat li naqset li tirrapporta lid-Direttur tas-"Social Welfare" tibdil taċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħha; b'dan li bejn it-tliet reati hemm ir-rabta ta' mezz għall-fini; u kkundannat lill-imsemmija Mary Debono għall-piena tal-lavori forzati għal żmien erbgħa xhur u għall-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni li sservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ħames snin; u ordnat li s-sentenza tiġi publikata fil-Gazzetta tal-Gvern għall-finijiet tal-liġi;

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputata, li bih talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hi tiġi assolta;

Trattat l-appell;

Tikkunsidra;

L-ewwel Qorti (kif jidher "supra") sabet lill-appellanti ħatja ta' tliet reati, ċjoè dak ta' ġurament falz, dak ta' truffa, u dak ta' nuqqas ta' denunzja ta' tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħha, konsolidati bejniethom, dawn ir-reati, fin-"nexus" ta' mezz u fini;

Id-difiża, kwantu għall-ewwel reat, ta' ġurament falz, issollevat il-punt li l-ġurament ma ġiex amministrat lill-appellanti skond il-liġi; u saret riferenza għar-regolament 3(c) tal-"Public Assistance (Oaths) Regulations, 1953" (Notifikazzjoni tal-Gvern 109 tal-1953), li jgħid hekk:— "L-Uffiċjal li jamministra l-ġurament għandu jagħti r-rispett dovut lis-solennità tal-att li jkun qiegħed jagħmel, u għandu jfiehem sewwa lil min ikun qiegħed jagħmel id-dikjarazzjoni bil-konsegwenzi tal-ġurament falz";

L-uffiċjal li fil-fatt amministra l-ġurament lill-appellanti f'dan il-każ u li xehed bi preċiżjoni u sinċerità, qal li hu ma spjegax lill-appellanti l-konsegwenzi ta' ġurament falz; anzi żied onestament li hu ma kienx jaf b'dak ir-regolament (ara xhieda Thake);

In-"nodum juris", għalhekk, hu jekk b'daqshekk ġiex eliminat ir-reat ta' ġurament falz, kif issostni d-difiża;

Ma jistgħax ikun hemm dubju li l-ġurament hu ħaġa serja ħafna, u r-reat ta' ġurament falz kien dejjem kastigat b'pieni qawwija (ara Russell, On Crimes and Misdemeanours, taħt "Perjury"). Il-falsità tal-ġurament, ossija l-ispergjur, iġġib sanzjonijiet sew morali kemm penali; għaliex il-ġurament hu "a religious asseveration, by which a person renounces the mercy and imprecates the vengeance of heaven, if he do not speak the ruth; and therefore a person was has no idea of the sanction which this appeal to heaven creates ought not to be sworn in any Court of Justice" (ara Burrows, Words and Phrases Judicially Defined, Vol. 4, p.); u penali, għaliex il-Kodiċi

Kriminali jikkommina l-pieni kongruwi fid-diversi każijiet. Hu għalhekk xieraq li min jagħti x-xhieda tiegħu, jew jagħmel dikjarazzjonijiet taħt ġurament, jikkomprendi is-sewwa s-solennità u l-konsegwenzi tiegħu;

Andrew Jameson, fir-Rapport tiegħu tas-26 ta' Diċembru 1850 fuq il-Proġett tal-Kodiċi ta' Proċedura preparat minn ġuristi maltin illustri, għamel ferm enfasi fuq dan il-pont (ara p. 25 tar-Rapport), u qal, "inter alia":— "As it is a solemn appeal to the Omniscient Judge, and is admitted to be an act of religion, it ought to be performed in the manner which gives to it the greatest weight and solemnity";

Fil-liġi ġenerali, ċjoè fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, hemm dispost (ara art. 110 idem) fis-sens li l-Qorti li quddiemha għandu jittieħed ġurament, tista' tagħmel twissija lil min ikun sejjer jaħlef fuq l-importanza tal-ġurament u fuq il-konsegwenzi tal-ġurament falz; u għalhekk hu rimess għad-diskrezzjoni tal-ġudikant, fis-singoli każijiet, jekk jagħmelx din it-twissija jew le. Hu risaput li fil-"praxis curiae" din it-twissija ssir fil-każ ta' xhieda ta' età tenera; anzi hemm okkażjonijiet meta tifel jew tifla, li jkunu sejrin jixhdu u juru li ma jikkomprendux biżżejjed l-importanza tal-ġurament, jiġu ordnati li jitqiegħdu taħt id-direzzjoni ta' xi ekkleżjastiku għal xi żmien biex jiġu appuntu istruwiti dwar x'inhu ġurament u x'konsegwenzi morali u penali jista' jkun hemm għal min jaħlef il-falz; issir ukoll mill-Qorti twissija simili f'kull każ fejn xhud juri leġġerezza u inkomprensjoni tal-importanza ta' dikjarazzjoni taħt ġurament;

Issa f'dan il-każ ta' "public" jew "national assistance", din it-twissija dwar il-konsegwenzi tal-ġurament ġiet "imposta", u ma hix affattu fakoltattiva, fis-sens li l-funzjonarju tad-dipartiment tal-"Public Assistance" li jkun qiegħed jamministra l-ġurament lill-benefiċjarju ma jistgħax jarbitra hu jekk hux il-każ li jagħmel dik it-twissija jew le, imma għandu jagħmilha f'kull każ. Ir-raġuni tad-differenza hi enkompabbli u ovvja. Meta l-ġurament jiġi amministrat f'Qorti ta' Ġustizzja, kif qal Jameson, loc. ċit., "it will be likely to be accompanied with more rever-

ence, and be less apt to degenerate into a mere affair of routine". U barra minn hekk, l-użu tad-diskrezzjoni tagħha qegħda tiġi fdata lil uffiċjal għoli, rappreżentant tal-Poter Ġudizzjarju; imma fil-każ ta' amministrazzjoni ta' ġurament mhux f'Qorti ta' Ġustizzja, dawn il-fatturi rassikurattivi jistgħu jonqsu; u kien għalhekk li l-leġislatur, ġustament preokkupat li min jagħti l-ġurament, minn naħa waħda, għandu juri r-rispett dovut għas-solennità tal-att, u li min jieħu l-ġurament, minn naħa oħra, jifhem tajjeb il-konsegwenzi ta' ġurament falz, impona lill-funzjonarju li f'kull każ jagħmel din it-twissija;

Mela minn dan jiġi li għall-finijiet ta' materji li jaqgħu taħt il-"Public" jew "National Assistance" għandu wkoll dan ir-rekwiżit, li ċjoè jkun akkompanjat, dejjem u f'kull każ, b'dik it-twissija;

Issa, hu "jus receptum" li, biex ikun hemm ir-reat ta' ġurament falz, jeħtieġ li l-ġurament ikun "legalmente prestato, e perciò coi riti voluti dalla legge (ara Puccioni. Cod. Pen. Toscano Illustrato, Vol. IV, pp. 203-205). Jgħid il-Harris, Crim. Law, 1933 edition, p. 93, illi "the person making the statement must have been lawfully sworn";

Ma jidherx li jista' jiġi dubitat li f'dan il-każ ta' ġurament għall-finijiet tal-'Public Assistance' dik it-twissija hija waħda mill-formalitajiet; għaliex l-istess reg. 3 tal-fuq ċitati regolamenti jgħid:— The officer administering the oath shall comply with the following formalities . . . . ." U lanqas jista' wieħed jeżita li jgħid, in vista tar-riljevi ġenerali li saru "supra", appuntu biex jiġi illustrat dan il-punt li f'dan il-każ, din it?twissija hija formalità "ad substantiam". Għalhekk, l-ommissjoni tagħha ġġib neċessarjament li l-appellanti ma ġietx "lawfully sworn", u kwindi jonqos rekwiżit tar-reat ta' ġurament falz; li għandu, konsegwentement, jiġi eskluż;

Ikkunsidrat;

Mill-fatti emersi mill-provi però, hemm biżżejjed biex jista' sikurament jingħad li l-appellanti rrendiet ruħ-

ha ħatja tar-reat previst fl-art. 6 tal-Att XXVII tal-1952, in kwantu dan jagħmel riferenza għar-reat ta' truffa viżwalizzat fl-art. 322 tal-Kodiċi Kriminali, li tiegħu sabitha ħatja wkoll l-Ewwel Qorti;

Ġie wkoll pruvat li kien hemm il-kontinwità;

Għall-integrazzjoni ta' dan ir-reat ta' truffa, fit-test attwali tal-liġi, ma hemmx bżonn li d-dikjarazzjoni menzonjera tkun saret b'ġurament. Hu għalhekk li l-fatt li l-ġurament ġie, kif din il-Qorti għadha kemm irriteniet, nullament prestat, ma jeskludix dan it-tieni reat. Hu veru li l-Ewwel Qorti, in omaġġjo għall-prinċipju li ma hix biżżejjed il-gidba, imma jeħtieġ li dik il-gidba tkun akkreditata b'xi apparat, ossija "mise en scene", ikkunsidrat li dan l-element kien ripost fil-ġurament. Però dan l-element l-istess jikkonkorri, avvolja l-ġurament ġie nullament prestat; għaliex la l-appellanti, u lanqas l-uffiċjal tad-dipartiment, ma setgħu jantiċipaw din in-nullità, u kwindi l-istess waħda ngannat, u l-istess l-ieħor ġie sorpriż fil-bona fede tiegħu bil-prestazzjoni tal-ġurament;

Kwantu għat-tielet reat, li ċjoè l-appellanti naqset li tirrapporta lid-Direttur tas-"Social Welfare" tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħha, dan hu kompenetrat fir-reat ta' truffa b'indiviżibbilità ġuridika jew naturali, u għalhekk hemm lok għall-uniċità tar-reat, ċjoè dak ta' truffa (ara Qorti Krim. "Rex vs. Simler", 11 ta' Marzu 1921; "Rex vs. Farrugia", 6 ta' Diċembru 1920; "Rex vs. Caruana", 16 ta' Diċembru 1928; "Rex vs. Caruana", 27 ta' Jannar 1942; "Rex vs. Degiorgio", 29 ta' Jannar 1937);

Kwantu għall-applikabbilità, invokata mid-difiża, tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ma jidhriliex li hu l-każ;

Kwantu għall-piena;

L-Ewwel Qorti applikat il-piena tal-lavori forzati għal żmien erbgħa xhur. Għad li din il-Qorti sabet lill-imputata mhux ħatja tar-reat ta' ġurament falz, sabitha però ħatja

ta' reat ta' truffa, u l-minimum ta' dan ir-reat, apparti l-kontinwità, hu ta' priġunerija jew lavori forzati għal żmien erbgħa xhur. Din il-Qorti, però, hi ta' fehma li l-eskluż-joni tar-reat ta' ġurament falz, bażata fuq il-konsideraz-zjoni li l-ġurament ma ġiex amministrat legalment, tik-kostitwixxi raġuni speċjali u eċċezzjonali biex il-piena tit-baxxa taħt il-minimum;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li teskludi l-imputazzjoni ta' ġurament falz, u kwindi teskludi l-piena tal-interdizzjoni ġenerali u dik li sservi bħala xhud u l-publikazzjoni tas-sentenza; iżda tikkonferma s-sentenza appellata filli sabet l-appellanti ħatja tar-reat ta' truffa kontemplat fl-art. 6 tal-Att fuq imsemmi u fl-art. 322 tal-Kodiċi Kriminali, u tar-reat ta' nuqqas ta' denunzja ta' tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji, miegħu konsolidat; u kwantu għall-piena tirriduċiha għal dik tal-priġunerija għal żmien xahar.